**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 11/20**
**Data:** It-Tnejn, 9 ta' Novembru 2020
**Ħin:** 05:40pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (sas-7:18pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Skużata)
Gesmond Baldacchino - Kunsillier (mis-5:50pm sat-7:47pm)
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:00pm)
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Amanda Abela - Kunsilliera

## AĠENDA

**11.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**11.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**11.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**11.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**11.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**11.06** ***Quarterly Financial Statements;***
**11.07** **Proġetti;**
**11.08** **Milied 2020;**
**11.09** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**11.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**11.11** **Mozzjonijiet; u**
**11.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**11. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Camilleri ma setatx tattendi għall-laqgħa minħabba li għandha eżami. | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 10/20 inqraw u ġew approvati nem.con mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 11. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**11. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2 1 | 10.02.03 | Caruana Ray: Speed hump fi Triq Vendome u Triq Bandolier | Caruana staqsa dwar dawn. Is-Sindku qalet li applikajna għaliha imma għadna bla risposta u ser napplikaw għall-*speed hump.* | Caruana Ray |
| 11. 2 2 | 10.02.04 | Viċi-Sindku: *Zebra Crossingfi Triq id-Daħla ta' San Tumas* | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar meta ser titlesta. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bagħtna imejl ta' tfakkira lil-TM pero għadna bla tweġiba. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 3 | 10.02.06 | Caruana Ray: *Crash barrier* fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok | Caruana staqsa dwar fiex waslet din it-talba. Dwar din bagħtna lill-TM pero ma kellniex risposta. Issemew ukoll il-ħitan tas-sejjiegħ li waqgħu u dwar dan sar rapport lill-pulizija u ser jitkellmu mas-sidien. Issemiet ukoll il-crash barrier fi Triq A. Cachia Zammit k/m Salvu Cacciatolo. Is-Sindku qalet li dwar din tal-aħħar kellna risposta fin-negattiv, pero reġat intbagħtet risposta lura biex nopponu għall-dan. | Caruana Ray |
| 11. | 2 | 4 | 10.02.07 | Fenech: *Slow Streets* u *European Mobility Week* | Fenech qalet li ġie sottomess rapport tal-attivitajiet li saru fil-*European Mobility Week* sabiex inkunu nistgħu nagħmlu talba għall-fondi li jammontaw sa €2,000. Qalet li ġejna b'€200 fuq il-budget maħsub minħabba l-ispiża enormi tal-pulizija. Is-Sindku qalet li kellha risposta fin-negattiv wara li tkellmet mas-Sur Fava AKL dwar jistgħux jiġu mnaqqsa l-ispejjeż tal-pulizija li kienu jammontaw għal aktar minn 25% tal-ispiża kollha. Rigward il-proġett ta' *Slow Streets,* qalet li ltaqgħu mal-perit Tom Val Madeeren sabiex isir studju dwar immaniġjar aħjar tat-traffiku kif ukoll biex ċertu żoni jkunu jistgħu isiru aċċessibli għall-mixi u rota. Huma ħadu pjaċir bl-inizjattivi u tat idea ta' x'qed isir bħalissa. Is-Sindku qalet li l-ispiża sabiex isir l-istudju, tammonta għall-€3,000 u ser tkun kollha mħallsa mir-Reġjun Xlokk. | Fenech |
| 11. | 2 | 5 | 10.02.09 | Sindku: Tender Ħitan tas-sejjiegħ | Is-Sindku qalet li tlabna għall-estenzjoni pero bqajna bla risposta. Pruvajna nitkellmu mal-Onor Herrera pero qalilna li din taqa' taħt ir-responsabilta' tal-Ministeru Għall-Agrikoltura, Is-Sajd, L-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali. | Sindku |
| 11. | 2 | 6 | 10.02.10 | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li x-xogħol miexi tajjeb ħafna fejn qed isir ir-*rubber flooring* u ser isir fence minħabba l-periklu. | Sindku |
| 11. | 2 | 7 | 10.02.12 | Sindku: Fundraising bejn l-Għaqdiet | Is-Sindku qalet li s'issa ma kellniex risposta u għandha dubji kemm din ser tirnexxi minħabba ċ-ċirkostanzi ta' bħalissa tal-pandemija. | Sindku |
| 11. | 2 | 8 | 10.02.13 | Sindku: *Smart Technology Bench* | Is-Sindku qalet li dan ġie nstallat u fost oħrajn għandu l-*wifi* u *charger.* Hemm il-ħsieb li jsiru proġetti oħra b'iktar *smart furniture* bħal bankijietu light poles u bins. | Sindku |
| 11. | 2 | 9 | 10.02.16 | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun 2020 | Il-Viċi-Sindku qalet li l-Webinar sar kif ukoll l-kompetizzjoni tat-tisjir saret u kien hemm żewġ parteċipanti. Issa jonqos li ssir il-pubblikazzjoni li ser titqassam fl-iskejjel. | Viċi-Sindku |
| 11. | 2 | 10 | 10.02.17 | Viċi-Sindku: Sejħa għall-ġardinara | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dan. Is-Sindku wieġbet li kien hemm applikazzjoni waħda u saret l-intervista mal-applikant. Dan għandu idea tajba tax-xogħol b'esperjenza twila. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 11 | 10.02.18 | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li x-xogħol miexi tajjeb u l-perit qalilna li s-sistema tad-drenaġġ ser issir. Saru żewġ trinek fuq iż-żewġ naħat u fl-aħħar tal-ġimgħa ser tinfetaħ bit-traffiku direzzjoni l-barra. Dwar il-bankina għad m'hemmx konferma. Il-monument ser jiġi rilokat għall-Ġnien l-Għannejja Żwieten sakemm isir ix-xogħol. Ser jitneħħew żewġ siġriet sabiex tkun tista' titwessa l-aħħar parti tat-triq direzzjoni lejn Bir id-Deheb. | Sindku |
| 11. | 2 | 13 | 10.03.05 | Caruana Ray: Triq l-Isqof Emm. Galea | Caruana staqsa dwar din it-talba. Applikajna għaliha pero għadna bla risposta. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 2 | 14 | 10.03.06 | Fenech: Tilqima tal-influwenza | Fenech qalet li din bħalissa wieqfa peress li spiċċat il-konsenja tal-vaċċin minħabba domanda qawwija ħafna għaliha. | Fenech |
| 11. | 2 | 15 | 10.03.09 | Sindku: Ħsara fis-sistema tal-irrigazzjoni | Is-Sindku qalet li din ġiet irranġata u l-ispiża ser tintrefa mill-kuntrattur tal-Ġonna Pubbliċi. | Sindku |
| 11. | 2 | 16 | 10.03.10 | Sindku: *Olive Twist* | Is-Sindku qalet li sibna intopp sabiex issir fi Triq Bir id-Deheb. Dan peress li taħt ir-*roundabout* hemm ċisterna. | Sindku |
| 11. | 2 | 17 | 10.04.07 | Viċi-Sindku: Lampa maqtugħa | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk inbidlitx. Is-Sindku wieġbet li din hija responsabbilta' tal-Enemalta u TM ma tafx jekk saritx. | Sindku |
| 11. | 2 | 18 | 10.04.08 | Viċi-Sindku: Knis | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-knis u ż-żbir ta' siġra fiTriq il-Labour. Ġiet avviċinata wkoll sabiex tinżabar siġra li qedha fil-propjeta' tal-knisja. Caruana Ray qal li hawn problema ġenerali ta' knis u rridu nitkellmuha mal-kuntrattur. | Sindku |
| 11. | 2 | 19 | 10.05.01 | Chircop: *Mobile Application* | Chircop qal li din l-app ġiet mgħoddija lill-istaff kollu sabiex tiġi ttestjata qabel toħroġ għall-pubbliku. Il-ġimgħa d-dieħla ser jiġi juirna kif taħdem biex imbagħad tmur online. | Chircop |
| 11. | 2 | 20 | 10.06.05 | Viċi-Sindku: Korsijiet | Il-Viċi-Sindku qalet li r-residenta tal-Fondazzjoni Nazzareth ser ikollha tieqaf mill-kors. | Viċi-Sindku |

**11 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/20. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 1 | | Sindku Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li bagħtet imejl lis-CEO tal-WSC fejn kellha tweġiba lura li minħabba l-proċeduri kuntrattwali ma setgħatx tgħaddi għand IM. Ix-xogħol mistenni li jibda f'nofs Diċembru fejn ser jitqabbad kuntrattur sabiex tissewwa l-ħsara tat-triq kif inhi bħalissa u biex jitnaqqas l-inkonvenjent sakemm jittieħed it-tender il-ġdid. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar posts fuq il-midja soċjali individwali. Qalet ukoll li jekk ix-xogħol ma jibdiex, il-Kunsill għandu jsemma leħnu dwar din is-sitwazzjoni. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 2 | | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li x-xogħol huwa lest, saret manutenzjoni tal-ħitan u l-ġibja, ġew imħawwla s-siġar u l-*hedging* fadal xi xogħolijiet żgħar oħra bħal żebgħa tal-bankijiet. | Sindku |
| 11 | 3 | 3 | | Sindku: *Gazebo* fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li t-turf inżera u qiegħed jikber. | Sindku |
| 11 | 3 | 4 | | Sindku: Proġett fi Sqaq Sant' Isidoru | Is-Sindku qalet li x-xogħol fuq il-pavimentar ta' dan is-sqaq bil-printed concrete qed isir tisbiħ u ser isir *printed concrete*. Is-servizzi tal-ilma huma lesti u l-problema tad-dranaġġ issolviet. | Sindku |
| 11 | 3 | 5 | | Sindku: *Dog Park* | Is-Sindku qalet li l-applikazzjonijiet mal-awtoritajiet għal dan il-proġett saret u Fenech qalet li mexjien mal-*Animal Welfare* dwar il-fondi. Is-Sindku qalet li hemmi l-fondi mill-Greenpak ukoll u l-bqija jħallas il-Kunsill. | Sindku / Fenech |
| 11 | 3 | 6 | | Sindku: Xogħol mill-*Water Services Corporation* | Is-Sindku qalet li tkellmet mal-WSC fejn talbet il-lista ta' toroq li fihom ser isir xogħol ta' bdil ta' mains. Ir-risposta minn naħa ta' WSC kienet li hemm ħdax -il triq li ser isiru s-sena d-dieħla. Aħna ser nagħmlu pressjoni sabiex jinbidel il-wiċċ kollu tat-triq. | Sindku |
| 11 | 3 | 7 | | Sindku : Parkeġġ tas-suq | Is-Sindku qalet li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellhom laqgħa mal-Kunsill Konsultattiv fit-30 ta' Ottubru, fejn intalbu l-pjanijiet u fejn setgħu jgħinuna. Aħna elenkajna l-proġett tal-parkeġġ f'Misraħ taħt l-art. Lesti li jiffinanzjaw parti mill-ispiża dwar perizja. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 8 | | Sindku: Talba li l-Parroċċa tingħata t-titlu ta' Pro-Katidral | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata minn diversi nies li qed juru din ix-xewqa. Ser issir komunikazzjoni mal-arċipriet sabiex issir it-talba formali u din ser tiġi preżentata waqt il-quddiesa tal-festa ta' Santa Katarina. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Sindku |
| 11 | 3 | 9 | | Sindku: Bnadar ġodda għall-Kunsill | Is-Sindku qalet li inxtraw sett bnadar għas-sala tal-Kunsill. | Sindku |
| 11 | 3 | 10 | 03 | LCA: Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ | Dawn waslu u ser ikunu qed jitqassmu mal-Kunsilli skond il-bżonn. | |
| 11 | 3 | 11 | 04 | LCA: Poloz tal-Assigurazzjoni - Sezzjoni ta' tagħrif | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed isiru proposti li dawn ma jibqgħux fuq bażi personali imma jsiru fuq bażi reġjonali. Ser nirċievu komunikat dwar kif ser nipproċedu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 12 | 09 | Ministeru għas-Saħħa: Asbestos fi Triq il-Kotob | Is-Sindku qalet li aħna ntlabna sabiex nagħtu pjan dwar kif dan l-asbestos ser jitneħħa. Għaddejna l-ittra li rċivejna lill-WSC għax dan huwa xogħol li qed isir minnhom. | Sindku |
| 11 | 3 | 13 | 11 | TM: Crash Barrier fi Triq A. Cachia Zammit | Is-Sindku qalet li r-risposta kienet fin-negattiv. Il-*Pelican lights* li applikajna għalihom ġew approvati u ser tinżebah l-art bl-*anti-skid* fuq iż-żewġ naħat u nittamaw li dan ix-xogħol isir malajr biex jiġu evitati inċidenti. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 14 | 14 | PA07379/20-34 | Dwar din ma kinx hemm oġġezzjoni | |
| 11 | 3 | 15 | 15 | PA/07554/20 | Dwar dan kien hemm diskussjoni u kien hemm qbil unanimu li dan is-sqaq għandu jibqa' pedonali peress li ser tiżdied il-pressjoni għall-parkeġġ u hemm problema diġa tad-drenaġġ. | |
| 11 | 3 | 16 | 17 | Zejtun Red Stars: Talba għall-traħħis fuq il-kera | Kien hemm diskussjoni pero ma kinx hemm qbil dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| **11.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 4 | 1 | | | Dawn ġew diskussi fir-rapporti tal-minuti | |
| **11.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 5 | 1 | | Baldacchino: Ġonna u xogħol ieħor mill-kuntrattur | Baldacchino qal li x-xogħol ser jitkompla Ġnien iċ-Ċrieki u għandu jkun lest imbagħad jitkompla x-xogħol f'Misraħ Santa Marija. | Baldacchino |
| 11 | 5 | 2 | | Viċi-Sindku: Sqaq Sciortino | Il-Viċi-Sindku qalet li qed jinħareġ l-iskart wara l-5.00pm u staqsitx jekk jistax isir kanal għall-ilma. Is-Sindku qalet li irridu naraw x'jista' jsir. | Sindku |
| 11 | 5 | 3 | | Chircop: Restawr tal-Kappella tas-Salvatur | Chircop staqsa dwar meta ser jitneħħew il-wires. Qal ukoll li hemm parkeġġ riservat li jrid jiġi mċaqlaq sakemnm isir ix-xogħol | Sindku |
| 11 | 5 | 4 | | Fenech: Problema ta' żnażan *Hornets* | Fenech qalet jekk tistax tinġabar informazzjoni dwar dawn il-bejtiet. | Fenech |
| 11 | 5 | 5 | | Fenech: Triq John Borg | Fenech qalet li għandhom jitwaħħlu bankijiet ġodda u jsir ż-żbir tas-siġar. | Fenech |
| 11 | 5 | 6 | | Caruana Ray: Bins tal-Klieb | Caruana qal li hemm bżonn jitwaħħlu fi Triq Licata u Triq Vendome kif ukoll tnejn mad-dawra fi Triq Dun Pawl Brunchell. | Sindku |
| 11 | 5 | 7 | | Caruana Ray: Ibins | Caruana qal li l-ħajt tal-Iskola Sekondarja ser jitwaqqa u jrid jinstab post alternattiv għall-Ibins. Hu ssuġerixxa li jitmexxew għall-Triq Delimara. Kien hemm qbil dwar dan. | |
| 11 | 5 | 8 | | Abela: Triq Marsaxlokk - One-Way | Abela staqsiet dwar din it-talba. Fenech qalet li saret petizzjoni u ma kinx hemm qbil mill-maġġoranza tar-residenti. | Abela |
| **11.** | **6.** | | | ***Quarterly Financial Statements;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 6. | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv għadda għall-approvazzjoni l-Estimi minn Jannar sa Settembru 2020. Wara kli ta spjegazzjoni tad-dħul u ħruġ qal li kellna surplus ta' €440, 000 pero l-ispiża kapitali mijiex imnaqqsa. | Segretarju Eżekuttiv |
| **11.** | **7.** | | | ***Proġetti;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 7 | 1 | 10.02.01 | Fenech: Aċċessibilita' u Mobilita' | Fenech qalet li ressaqna l-proġett billi applikajna għall-van 7 *seater* fejn dan jekk jintgħażel ser ikun iffinanzjat 85% minnu mill-Gvernsabiex ikun jista' jipprovdi trasport fiż-Żejtun għall-anzajni u persuni b'Diżabilita' . | Fenech |
| 11 | 7 | 2 | 10.02.02 | Sindku: Bdil ta' pavimentar fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li applikajna għall-proġett ieħor u jekk jiġi magħżul inkunu nistgħu nibdlu l-pavimentar ta' dan il-ġnien biex filwaqt li jikkumplimenta t-tisbiħ li qed isir, il-post ikun aktar aċċessibli. | Sindku |
| **11** | **8** | | | **Milied 2020;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 8 | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li ser ningħataw €1000 mir-Reġjun Xlokk li dawn ser jiġu utilizzati sabiex tiżżejjen Triq Santa Katarina għall-ewwel darba. | Sindku |
| **11** | **9** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 9 | 1 | | Chircop: Kompetizzjoni Tiżjin tal-Milied | Chircop qal li din hi miftuħa | Chircop |
| 11. | 9 | 2 | | Chircop: Trofew Karlu Diacono | Chircop issuġerixxa li din għandha ssir xorta. Tqajjmet polemika dwar iċ-Circolo Mużikali Santa Katarina s-sena l-oħra. Chircop kien wieġeb li dan ingħata biss lill-bandisti li għandhom il-baned. | Chircop |
| 11. | 9 | 3 | | Chircop: PA07428/20 | Chircop ġibed l-attenzjoni sabiex jiġi ċċekjat dan il-permess peress li qed jiġi suġġerit li jittellgħu sitt filati oħra mad-dawra tal-ġnien. | Chircop |
| 11. | 9 | 4 | | Fenech: *Meeting online* | Fenech qalet li saret laqgħa online maż-żgħażagħ mill-Ministru Carmelo Abela dwar *Sustainable Environment.* | Fenech |
| **11.** | **10.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 10. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 10. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 11/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 10. | 3 | | *Petty Cash* - Ottubru 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal € | Segretarju Eżekuttiv |
| **11** | **11** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet | |
| **11** | **12** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:42pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2020 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFfirmata
Maria Dolores Abela

IFfirmata
Anton Falzon

Sindku Segretarju Eżekuttiv